



Kumitat għall-Iżvilupp

2020/2116(INI)

18.1.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem

dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-politika barranija tal-UE dwar il-migrazzjoni
(2020/2116(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Miguel Urbán Crespo

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lis-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jafferma mill-ġdid li d-dritt għall-migrazzjoni huwa dritt tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħa il-politiki tal-iżvilupp u umanitarji u l-istrumenti legali relatati sabiex tindirizza l-isfida tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem għal kulħadd, inklużi l-migranti, bil-għan li żżid l-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; ifakkar li t-Trattati tal-UE jipprevedu li l-Unjoni hija bbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità, u għalhekk isegwi li l-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni trid tkun ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem sabiex issaħħa il-pożizzjoni tal-UE fix-xena internazzjonali u l-kredibbiltà tal-politika barranija tagħha;
2. Ifakkar li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE jrid ikollha bħala l-oġettiv ewlieni tagħha l-qerda tal-faqar, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u l-ġlieda kontra l-esklużjoni, filwaqt li ħadd ma jitħalla lura, l-għoti tas-setgħa lill-individwi, il-promozzjoni tal-istat tad-dritt, il-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem, u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinsisti li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE trid tkun ibbażata fuq l-aġendi tal-iżvilupp tal-pajjiżi sħab, skont approċċ fit-tul għall-migrazzjoni bbażat fuq il-ħtiġijiet u d-drittijiet, b'enfasi speċjali fuq dawk l-aktar vulnerabbli;
3. Jistieden lill-UE tfassal l-għajnuna uffċjali għall-iżvilupp (ODA) tagħha biex tindirizza l-kawżi fundamentali tal-faqar u timminimizza l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari u l-kawżi tal-ispostament furzat billi ttejjeb il-proċessi demokratiċi u l-governanza tajba, toħloq opportunitajiet għall-involviment u l-intraprenditorija taż-żgħażaġh, tavvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, tindirizza t-tibdil fil-klima u tipprovdi aċċess għas-servizzi; jinsisti fuq l-importanza li jiffasslu politiki mfassla apposta għaċ-ċirkostanzi lokali u fi sħubija mal-atturi lokali;
4. Jitlob lill-UE ssaħħa il-Programmi Reġjonali għall-Iżvilupp u l-Protezzjoni (RDPP) tagħha fi ħdan qafas tad-drittijiet tal-bniedem u trawwem il-bini tal-kapaċità ta' pajjiżi terzi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għalihom; jitlob lill-UE tinkoraġġixxi u tassisti lill-pajjiżi tas-sħubija fil-kisba ta' kooperazzjoni akbar mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-korpi u l-organizzazzjonijiet reġjonali sabiex tiġi ffaċilitata l-mobilità reġjonali u tissaħħa il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi ħalli jiġi żgurat li l-migranti, ir-rifuġjati u l-persuni rimpatrijati jiġu ttrattati b'dinjità u f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali;
5. Ifakkar li l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp jipprevedi approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, bħala riżultat tan-natura trażversali tiegħu, u jqis il-migrazzjoni bħala wieħed mill-oqsma ewlenin li għalihom tapplika l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD); jappella, f'dan ir-rigward, għal politiki tal-migrazzjoni esterni konformi mal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u vvalutati regolarment li jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-

għoti tas-setgħa, il-qerda tal-faqar u l-iżvilupp tal-bniedem;

6. Itenni li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti jrid jibqa' ċentrali fil-politika l-ġdida tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-esternalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE u l-kontroll tal-migrazzjoni; jinsisti li l-UE jeħtiġilha twettaq kontroll tal-fruntieri u ġestjoni tal-migrazzjoni b'mod uman u sikur;
7. Jemmen li l-Patt il-Ġdid tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jista' jittejjeb; iqis li d-dinjità tal-bniedem tar-rifuġjati u l-migranti għandha tkun fil-qalba ta' approċċ ġdid ibbażat fuq il-prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà kondiviża, inklużi politiki ta' akkoljenza komuni u sistema ta' rilokazzjoni obligatorja u li jiżgura rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, id-dritt tar-rifuġjati u d-dritt marittimu;
8. Itenni li n-nawfraġji u l-imwiet tal-migranti fil-Baħar Mediterran huma traġedja gravissima li lkoll għandna responsabbiltà kondiviża biex intemmu; ifakkar li s-salvataġġ fuq il-baħar huwa obbligu legali skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari f'konformità mal-Artikolu 98 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, li jirrikjedi li tingħata għajjnuna lil kwalunkwe persuna f'diffikultà fuq il-baħar; jisħaq fuq il-ħtieġa għal rispons permanenti, robust u effettiv tal-Unjoni f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar, l-ewwel u qabel kollox permezz ta' missjoni ddedikata tal-UE, sabiex jiġi evitat aktar telf ta' ħajja fost il-migranti li jippruvaw jaqsmu l-Baħar Mediterran;
9. Ifakkar li, peress li l-biċċa l-kbira tal-migranti jiċċaqalqu fi ħdan ir-reġjun u l-kontinent ta' oriġini tagħhom, għandha tiġi ffaċilitata l-mobilità intrareġjonali u intrakontinentali; jitlob li s-Sħubija UE-Afrika u l-ftehim futur AKP-UE jappoġġaw il-mobilità intrareġjonali u intrakontinentali tal-persuni f'konformità mal-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokoll tal-Unjoni Afrikana għat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Afrikana dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni, id-Dritt ta' Residenza u d-Dritt ta' Stabbiliment;
10. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' kurituri umanitarji mill-pajjiżi ġirien u mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-UE; jitlob li l-UE tindirizza n-networks tat-traffikar tal-bnedmin;
11. Jappella lill-UE tiżviluppa perkorsi sikuri u legali ġodda għall-migranti u ttejjeb il-perkorsi eżistenti; iqis li l-UE għandha tistinka biex tiżviluppa politika ta' migrazzjoni tal-ħaddiema ċirkolari aktar sostenibbli fi sħubija ma' pajjiżi terzi u biex tiżgura mobilità tal-migrazzjoni bidirezjonali sikura, bħal pereżempju għal skopijiet akkademiċi u ta' xogħol;
12. Itenni li l-allokazzjoni tal-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE fi sħubijiet bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw ma tistax tiddependi mill-kooperazzjoni mal-UE dwar il-politiki tal-migrazzjoni peress li dan l-approċċ idgħajjef l-obbligu legali tal-UE għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll l-iskop primarju tal-għajjnuna uffċjali għall-iżvilupp li jinqed il-faqar, u jmur kontra l-prinċipju tal-effikaċja tal-għajjnuna tas-sjieda tal-pajjiż; jinsisti li l-għajjnuna għall-iżvilupp ma tridx tkun marbuta mal-politiki tas-sigurtà esterna tal-UE u li approċċ aktar koordinat, strutturat u olistiku għall-migrazzjoni xorta jrid jiġi definit u implimentat b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' kull individwu li

jitlaq mill-pajjiż ta' orġini tiegħu;

13. Jesprimi t-ħassib serju tiegħu dwar l-użu ħażin tal-fondi għall-iżvilupp għal azzjonijiet li jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġestjoni tal-fruntieri; jiddeplora l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem irrapportat marbut mal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika (EUTF) fil-Libja, l-Etjopja, l-Eritrea u n-Niġer; jappella li jinħolqu mekkaniżmi b'saħħithom li jimmonitorjaw l-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-EUTF, kif ukoll sistema ta' obbligu ta' rendikont li tevita u tindirizza l-ksur tad-dritt internazzjonali; jiddeplora l-fatt li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tal-EUTF ma jipprevedi l-ebda titjib f'dan il-qasam; itenni l-ħtieġa ta' investigazzjoni bir-reqqa dwar l-allegati abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk fil-fruntieri tal-UE; jilqa', għaldaqstant, l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti għdid fil-Patt il-għdid tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil;
14. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza tal-EUTF u l-fatt li l-Parlament mhuwiex involut fl-iskrutinju tiegħu; jinsisti li l-pajjiżi sħab u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti aktar mill-qrib; ihegġegħ lill-Kummissjoni tippreżenta r-rieżami komprensiv finali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-EUTF biex tiżgura li jkun konformi mal-oġġettivi tal-iżvilupp, dawk umanitarji, u dawk tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE; jiddispijaċih li l-estensjoni tal-EUTF intalbet mill-Kummissjoni fin-nuqqas ta' tali rieżami u li għalhekk ma hemm l-ebda evidenza li turi jekk dawn l-oġġettivi ġewx ivvalutati u ntlaħqux kif xieraq; itenni t-talba tiegħu għall-involvement sħiħ tal-Parlament Ewropew fis-superviżjoni u l-governanza tal-Fondi Fiduċjarji tal-UE; iqis li huwa essenzjali li l-attivitajiet tal-kumitati operattivi jiġu mmonitorjati wkoll, u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-preżenza ta' rappreżentant tal-Parlament Ewropew f'dawn il-kumitati u tittrażmetti informazzjoni dettaljata dwar id-deċiżjonijiet meħuda;
15. Itenni li l-baġit tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) ddedikat għall-migrazzjoni għandu jintuża biex jindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u mhux biex jikkontrolla l-flussi migratorji jew jiffinanzja l-ġestjoni tal-fruntieri esterni; jenfasizza li l-NDICI għandu jkun fih miżuri li jiżguraw l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza fl-infiq u l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-migrazzjoni sabiex l-enfasi tagħhom fuq l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni jiġi mmonitorjat u ppreservat;
16. Iqis li kwalunkwe ftehim tal-UE mal-pajjiżi ta' orġini u ta' tranżitu għandu jiżgura l-protezzjoni sħiħa tal-ħajja tal-bniedem, tad-dinjità u tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi tħassib serju li dawn il-garanziji mhux dejjem jiġu rispettati bis-sħiħ u li l-migranti u r-rifuġjati spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet inumani ta' trasferiment u detenzjoni; ifakkar b'mod partikolari fis-sitwazzjoni inaċċettabbli fiċ-ċentri ta' detenzjoni fil-Libja, fejn eluf ta' persuni huma sistematikament soġġetti għal detenzjoni arbitrarja f'kundizzjonijiet inumani, tortura u abbużi oħra, inkluż stupru, qtil arbitrarju u sfruttament;
17. Jesprimi tħassib dwar il-klawżoli ta' riammissjoni inklużi f'xi ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni legalment vinkolanti ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-UE biex tistinka għal ftehimiet formali mal-pajjiżi sħab dwar il-mobilità tal-migrazzjoni, ir-ritorn u r-riammissjoni f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (il-

Konvenzjoni ta' Ġinevra); jinsisti fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni attiva tal-Parlament Ewropew fl-iżvilupp ta' dawn il-ftehimiet u ta' dawk eżistenti; jisħaq li l-ftehimiet ta' sħubija futuri għandhom ikunu soġġetti għal skrutinju parlamentari u bbażati fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, ir-responsabbiltà kondiviża, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-dritt umanitarju internazzjonali;

18. Isostni li r-ritorn tal-migranti għandu jitwettaq primarjament fuq bażi volontarja u jinsisti li r-ritorni kollha jridu jitwettqu f'kundizzjonijiet sikuri, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u proċedurali tal-migranti kkonċernati u dan għandu jitwettaq biss jekk il-pajjiż li għandhom jiġu rritornati lejha jitqies bħala sikur; iqis bħala pożittiva l-prattika ta' ritorni volontarji assistiti li permezz tagħhom il-migranti li b'mod espliċitu jixtiequ jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jingħataw assistenza fl-istadji kollha tal-proċess; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju ta' nonrefoulement u jintroduċu salvagwardji proċedurali adegwati fil-proċeduri tal-ażil u fil-fruntieri tagħhom;
19. Jissottolinja li l-ħtiġijiet u d-drittijiet ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli għandhom jitqiesu kif xieraq, inklużi dawk ta' minorenni mhux akkumpanjati, persuni b'diżabilità, nisa u tfal, u jitlob li jingħataw forom adegwati ta' protezzjoni u kenn immedjati;
20. Jisħaq fuq is-supremazija tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal fl-aspetti kollha li jikkonċernaw lit-tfal u jqis li huwa essenzjali li jiġu applikati proċeduri speċifiċi biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-tfal kollha, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
21. Jenfasizza d-diffikultajiet partikolari li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa fil-perkors migratorju tagħhom u għalhekk jitlob li jiġu stabbiliti u msaħħa sistemi ta' protezzjoni għan-nisa migranti sabiex jiġu evitati u miġġielda l-vjolenza, l-abbuż, in-negliġenza u l-isfruttament li tagħhom huma vittmi.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 14.1.2021 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 12 -: 9 0: 2 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Anna-Michelle Asimakopoulou, Hildegard Bentele, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, Ryszard Czarnecki, Gianna Gancia, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Norbert Neuser, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Michèle Rivasi, Christian Sagartz, Marc Tarabella, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Barry Andrews |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 12 | + |
|-----------|---|
| S&D | Udo BULLMANN, Mónica Silvana GONZÁLEZ, Pierfrancesco MAJORINO, Norbert NEUSER |
| RENEW | Barry ANDREWS, Catherine CHABAUD, Charles GOERENS, Jan-Christoph OETJEN |
| Verts/ALE | Pierrette HERZBERGER-FOFANA, Erik MARQUARDT, Michèle RIVAS |
| IX-XELLUG | Miguel URBÁN CRESPO |

| 9 | - |
|-----|--|
| PPE | Anna-Michelle ASIMAKOPOULOU, Hildegard BENTELE, György HÖLVÉNYI, Rasa JUKNEVIČIENĒ, Tomas TOBÉ |
| ID | Dominique BILDE, Gianna GANCIA, Bernhard ZIMNIOK |
| ECR | Ryszard CZARNECKI |

| 2 | 0 |
|-----|------------------------------------|
| PPE | Janina OCHOJSKA, Christian SAGARTZ |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni